MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

**It-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia Darren | Kunsillier |

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**2.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sa Courtney Farrugia kienet ndisposta minħabba li tinsab imsiefera u għaldaqstant ma setgħetx tkun preżenti. F'dan ir-rigward is-Sa Farrugia ġiet skużata skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-ewwel (1) laqgħa tal-Kunsill.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 1 (wieħed) li saret fl-1 ta' Lulju, 2019 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 2.2.1 Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korrezzjonijiet

## 2.3 Punti mqajma mill-minuti

**2.3.1** Minuta 1.3 – Is-Sindku ddiskuta mal-membri r-responsabbilitajiet u l-membri infurmaw lis-Sindku bis-sotto kumitati rispettivi tagħhom bl-ismijiet tall-membri jkunu kif ġej:

**Stephen Sultana**

*Proġetti Kapitali, Infrastruttura u Awtorita tal-Ippjanar* – Perit Godwin Aquilina u Miguel Cauchi

*Finanzi* – Accountant bħala eks ufficcio, Anthony Azzopardi u Edwin Cassar

*Attivitajiet Soċjali u Kultura* – Mario Coleiro, Darren Grech, Madleine Scerri, Mary Grace Borg, Charlene Briffa u Eliza Buttigieg

**Gianluca Falzon**

*Fondi EU-Gemellaġġi u Innovazjoni* – Maya Galea, James Azzopardi, Brendon Attard, Nolan Camilleri

*Ordni Pubblika u Traffic Management* – Adrian Sciberras, Maya Galea, Justin Grech

**Darren Carabott**

*Ambjent* – Etienne Aquilina, Fiona Broome Camilleri, Romina Frendo, Sarah Lanzon, Jason Ernest Mangani, Christian Micallef u Kevin Vella Zammit

**Courtney Farrugia**

*Saħħa, Edukazzjoni u Turiżmu* - Martina Brancaleone, Sarah Muscat, Anna Catania, Nigel Cremona, Stanley Azzopardi u Alfred Mizzi

**Kursten Dimech**

*Ħarsien tal-Annimali* - Elaine Azzopardi, Dorianne Wells, Lara Caruana, Romina Frendo

*Sports u Attivitajiet Fiżiċi / Żgħażagħ u Tfal* - Joe Carbonaro, Raymond Romano, Anthony Cauchi u Justin Grech

**Joe Vella**

*Self Employed, Trasport Pubbliku, Integrazzjoni Soċjali* – Joe Abela, Polidano Michael, Christian Micallef, Alfred Mizzi u Roslynn Vella

**Silvio Vella**

*Wirt Storiku* - Kersten Abela, Edmond Sciberras, Mario Coleiro, Miguel Cauchi, Celine Vella u Pauline Vella

*Anzjani* – Madaleine Scerri u Pauline Vella

2.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-quddiesa tal-Anzjani ġewwa id-day centre kienet ser issir il-Ġimgħa 19 ta' Lulju fid-9:00am.

2.2.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-wirja ta' tjur u annimali ġiet posposta għal aktar 'il quddiem minħabba nuqqas ta' qbil mal-għannejja.

2.2.4 Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| 138 | Jekk possibbli issir MC bay |
| 229 | Din it-tabella għandha titpoġġa fl-ispazju li hemm biex ma tostakolax bibien |
| 275 | Ma tistax issir |
| 286 | Issir applikazzjoni mal-ERA biex jinżabru mill-ġardinar |
| 290 | Jibqa' kollox kif inhu |
| 638 | Contract Manager biex jindikalna eżatt fejn l-aħjar li tiġi l-lampa |

**2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku informa lill-membri li l-Erbgħa 17 ta' Lulju fid-9.30am kienet ser issir press conference mill-Ministru Ian Borg minħabba l-asfaltar li qieghed isir f'Santa Venera.

## 2.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**2.5.1** Is-Sindku informa lill-Membri tal-Kunsill dwar kommunikazzjoni li rċieva sabiex kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun ikun rrappreżentat fil-laqgħat kollha li jinżammu regolarment. F'dan ir-riward is-Sindku innomina lis-Sur Gianluca Falzon (Viċi Sindku) biex jattendi għall-laqgħat tar-Reġjun Ċentru. Fl-assenza tas-Sur Falzon, jattendi s-Sindku.

Il-membri qablu unanimament.

**2.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva ċirkulari Cir AKL 2019/038 Malta Pride initiative 2019 sabiex nipparteċipaw fl-inizjattiva tal- *Local Councils LGBTQ +*

*supportive intiatives during Malta Pride month.* Wara dikussjoni bejn il-membri il-Kunsill qabel sabiex jippartecipa billi:

a. Iż-żebra crossing ta' quddiem tal-Boċċi issir bil-kuluri li jirriflettu il-bandiera tal-LGBTQ;
b. Fi ġnien Guze Flores jinżebagħ bank bil-kuluri tal-bandiera tal-LGBTQ.

Il-membri qablu unanimament

**2.5.3** Is-Sindku nforma lill-membri dwar cirkulari Cir AKL 2019/070 – European Mobility Week 2019 fejn ser issir it-tnedija Mobility Week il-Ġimgħa 19 ta' Lulju, 2019. Mal-Mobility Week hemm abbinata kompetizzjoni fejn il-Kunsill jista' jipparteċipa. F'dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerixxa sabiex is-Sur Gianluca Falzon jattendi għal din il-konferenza. Is-Sindku talab lis-Sur Falzon sabiex jipprepara l-applikazzjoni billi jagħmel pjan u jinkludi n-nefqa ta' attivitajiet mifruxa fuq ġimgħa sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa fiha.

Il-membri qablu unanimament

**2.5.4** Is-Sindku nforma lill-membri li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li t-terminu tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv skada u għaldastrant talbuna sabiex il-Kunsill igedded dan it-terminu. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie deċiz sabiex id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tiġġedidlu l-ħatra tiegħu bi tlett xhur.

Is-Sindku ppropona u s-Sur Gianluca Falzon issekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**2.5.5** Is-Sindku informa lill-membri dwar Cirkulari SPI 19/2019 sabiex isiru Taħdidiet ta' informazzjoni fuq is-saħħa fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. F'dan ir-rigward is-Sindku talab lis-Sur Silvio Vella sabiex jiddiskuti mas-Sa Courtney Farrugia sabiex jiddeciedu liema huma dawk it-taħdidiet li l-aħjar isiru li jinteressaw specjalment lill-anzjani.

Il-membri qablu unanimament.

**2.5.6** Is-Sindku rċieva komunikazzjoni mingħand il-Kumitat Festi Esterni sabiex issir *vending machine* fuq il-bankina fal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjli. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż li din tista' issir u għaldaqstant ser tinħareġ in-No Objection.

Il-membri qablu unanimament.

**2.5.7** Is-Sindku informa li minħabba lis-Sur Carmel Busuttil wieħed mill-iskrivani tal-Kunsill kien ser jirtira, il-Kunsill kien ħareġ is-sejħa għal dan il-post li ser ikun vakant. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li jrid jinħatar Bord tal-għażla li jkun magħmul minn tlett Kunsilliera. Is-Sindku ppropona li fil-bord ikunu s-Sindku, is-Sur Gianluca Falzon u Dott. Darren Carabott. Ġie maqbul ukoll li l-intervista ssir it-Tlieta 30 ta' Lulju fis-6:15pm.

Il-membri qablu unanimament.

2.5.8 Is-Sindku informa il-membri, li l-Viċi Sindku talabu sabiex issir kompetizzjoni tal-isbaħ ritratt li jittieħed fi żmien il-festa ta' Santa Venera. Wara diskussjoni ġie maqbul li:

1. Dawk interessati li jipparteċipaw iridu jibgħatu r-ritratt lill-Kunsill fuq l-email :- santavenera.lc@gov.mt mis-17 ta' Lulju sal-31 ta' Lulju.

2. Ir-ritratti ser ikunu mtella fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill mil-1 t' Awwissu 2019 sat-8 t'Awwissu f'12:00pm.

3. Ir-Ritratt rebbieħ ikun dak ir-ritratt li fl-aħħar tal-kompetizzjoni jkollu l-iktar ammont ta' LIKES.

4. Il-ritratt rebbieħ jingħata tifkira f'Jum Santa Venera.

Il-membri qablu unanimament

## 2.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 2.6.1 Rendikont Finanzjarju sa Marzu 2019

Is-Sindku informa lill-membri li l-Accountant minħabba li jinsab imsiefer ma setax ikun preżenti u għaldaqstant dan l-istess rapport flimkien ma dak ta' Ġunju 2019 ser ikun preżentat fil-laqgħa li jmiss.

Il-membri qablu unanimament

### 2.6.2 Tenders:

**2.6.2.1** Latrina Pubblika – wara diskussjoni ġie deċiż sabiex dan it-tender isir bis-sistema BPQR minflok li tintuża Cheap Compliant Offer. Is-Sindku nforma lil membri li dan it-tender diġa huwa magħluq u kien ġie estiż b'sitt xhur minħabba li kien hemm l-elezzjoni tal-Kunsill u jekk ser issir bis-sistema BPQR dan idum iktar biex jiġi aġġudikat. F'dan ir-rigward minħabba li dan it-tender huwa maghluq il-membri qablu li nibgħatu kjarifika lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk hux possibbli li l-kuntratt eżistenti jerġa' jiġi imġedded b'6 xhur sakemm jinħareg u jiġi aggudikat it-tender li jrid jinħareġ.

**2.6.2.2** Bulky Refuse – Is-Sindku nforma lill-membri li dan it-tender irid jinħareġ immedjetament minħabba l-fatt li l-kuntrattur eżistenti ma jridx li l-kuntratt jiġi imġedded.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament li dan it-tender jinħareġ bis-sistema tac-*Cheap Compliant Offer*.

Is-Sindku ippropona ukoll li għandha tiżdied ġurnata oħra mal-ġranet eżistenti u rrakomanda li l-ġbir għandu jsir kull nhar ta' Tlieta, Ħamis u Sibt.

Il-membri qablu unanimament

**2.6.2.3** Contracts Manager - wara diskussjoni ġie deċiż sabiex dan it-tender isir bis-sistema BPQR minflok li tintuża c-*Cheap Compliant Offer*. Is-Sindku nforma lil membri li dan it-tender diġa huwa magħluq u kien ġie estiż b'sitt xhur minħabba li kien hemm l-elezzjoni tal-Kunsill u jekk ser issir bis-sistema BPQR dan idum iktar biex jiġi aġġudikat. F'dan ir-rigward minħabba li dan it-tender huwa magħluq il-membri qablu li nibgħatu kjartifika lid-Diprtiment tal-Gvern Lokali jekk hux possibbli li l-kuntratt eżistenti jerġa' jiġi imġedded b'6 xhur sakemm jinħareġ u jiġi aġġudikat it-tender li jrid jinħareġ.

**2.6.3 Kumitat Ġieħ Santa Venera**

Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn li jkun iffurmat il-Kumitat tal-Ġieħ Santa Venera. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-membri tal-Bord preċedenti jerġgħu ikunu appuntati meta wieħed jikkonsidra l-fatt li c-Chiarperson u membri oħra ilhom biss għal din l-aħħar sena. Is-Sindku qal li għal kull eventwalita' li xi ħadd minnhom ser jirrifjuta din il-kariga huwa qed jinnomina żewġ persuni riserva li huma is-Sur Mario Farrugia u s-Sur Lawrence Ancilleri, it-tnejn eks Kunsilliera.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

## 2.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 2.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi. Is-Sindku spjega li hekk kif kien ġie deċiż fl-laqgħa precedenti lill-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u dak tal-knis tnaqqsulhom il-pagament minħabba n-nuqqasijiet li kien hemm. Dawn tnaqqsu skont kif inhu stipulat fit-tender:

- Gbir ta'Skart: *Article 19: Delays in Execution 10%*
- Knis: Article 19(b)(ii) 5% minħabba li dahlu bejn 5 u 11 –il ilment f'ġimgħa.

Dott. Darren Carabott oġġezzjona fuq il-pagamenti tal-ġbir tal-iskart u l-knis għaliex in-numru ta' defaults ma jirriflettux dak atwali. Is-Sindku spjega li d-defaults inħadmu fuq in-numru ta' ilmenti li daħlu f'dak il-perjodu tal-ħlas dovut.Wara diskussjoni is-Sindku ppropona l-Iskeda tal-pagamenti filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekkonda lis-Sindku. Il-Membri ivvutaw kif ġej:

- **Voti Favur**: 3 Stephen Sultana, Silvio Vella u Kursten Dimech
- **Voti Kontra**: 2 Darren Carabott u Joe Vella
- **Astenzjonijiet**: 1 Gianluca Falzon.

Għaldaqstant b'dan il-vot l-iskeda ta' Pagamenti ġiet approvata.

## 2.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 312 sa 519.

| | |
|---|---|
| 312 | Contracts Manager |
| 318 | Ser issir aktar ‘il quddiem |
| 320 | Rapport lil Awtorita’ tad-Djar |
| 322 | Issir aktar ‘il quddiem |
| 327 | Ħaddiema Assenjati |
| 328 | Contracts Manager |
| 329 | Ninfurmaw lill-Pulizija u l-Gwardjani |
| 347 | Ħaddiema Assenjati – isir cold asphalt |
| 348 | Ħaddiema assenjati |
| 349 | Logografixs |
| 350 | Work Order |
| 351 | Ma tistax issir |
| 352 | Bħal ilment 320 |
| 357 | 1. Contracts Manager<br>2. Work Order |
| 361 | Kopja tad-dikjarazzjoni |
| 367 | Ser issir fil-pjan tax-xogħolijiet tal-bankini |
| 371 | Work Order |
| 372 | Din it-talba diġa kienet tressqet, naraw l-eżitu minn nħa ta’ TM. |
| 373 | Mhix skont il-policies ta’ TM |
| 375 | Work Order |
| 377 | Infrastructure Malta |
| 379 | Issiru 2 U bars |
| 380 | Isir refresh |
| 384 | Transport Malta |
| 385 | Mhix skont il-policies ta’ TM |
| 390 | Contracts Manager |
| 401 | Diskussjonijiet għadhom għaddejin mal-Awtoritajiet konċernati |
| 402 | Xogħol sar |
| 405 | Hemm CCTV privata |
| 411 | Pulizija |
| 418 | Issir dikjarazzjoni mir-residenti li jriduha quddiemhom |
| 421 | Contracts Manager |
| 428 | Work order |
| 435 | Bħal ilment 402 |
| 441 | Ħaddiema Assenjati |
| 442 | Ninfurmaw lill-Pulizija u l-Gwardjani |
| 446 | Minħabba diskussjonijiet mal-Awtoritajiet ma tistax issir fil-preżent |
| 453 | Diskussjonijiet għadhom għaddejin mal-Awtoritajiet u d-Diretturi konċernati |
| 456 | Qegħdin fil-pjan tax-xogħolijiet tal-bankini |
| 457 | Perit |
| 462 | Ma jistax jitneħħa |
| 463 | Tista’ ssir ġaladarba hemm il-permessi neċessarji |

| | |
|---|---|
| 466 | 1. Ħaddiema Assenjati<br>2. Ġardinar |
| 478 | Work Order |
| 480 | Ser tkun ikkunsidrata irid ikollna fejn qed ikun proponut li titwaħħal is-CCTV. |
| 481 | Ġardinar |
| 482 | Bħal ilment 466 |
| 485 | Works Order |
| 485 | Bħal ilment 478 |
| 487 | Transport Malta |
| 494 | Pulzija / Gwardjani |
| 497 | Contracts Manager |
| 500 | Naapplikaw ma TM bil-patt li ma jibqax jikkappara l-bankina u l-ispazji oħra |
| 503 | Contracts Manager |
| 511 | Contracts Manager |
| 515 | Transport Malta |
| 516 | Xoghol tlesta |
| 517 | Haddiema Assenjati |
| 518 | Ħaddiema Assenjati |
| 519 | Work Order |
| 301 | Tansport MAlta |
| 309 | Ħaddiema Assenjati |

## 2.10 Mozzjonijiet

### 2.10.1Ħsarat fi Triq il-Brunżar

Is-Sindku nforma lill-membri li l-ħin tal-laqgħa, dak ta' tlett sigħat , kien ser jiskadi. Huwa ppropona li jew ikun hemm qbil li titkompla il-laqgħa jew titkompla l-laqgħa ġurnata oħra. Dott. Darren Carabott issekonda lis-Sindku filwaqt li l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament sabeix il-laqgħa titkompla dak in-nhar stess u għaldaqstant il-ħin tal-laqgħa ġie estiż.

Dott. Carabott ppreżenta il-mozzjoni li hu flimkien mas-Sur Joe Vella u s-Sa Courtney Farrugia preżentaw lill-kunsill. Dott. Carabott ppropona din il-mozzjoni filwaqt li s-Sur Vella ssekonda din il-mozzjoni. Dott Carabott qara u spjega l-mozzjoni preżentata **(Anness DOC. 1).**

B'risposta għal din il-mozzjoni, is-Sindku pprezenta kontra-mozzjoni. Is-Sindku ppropona din il-mozzjoni filwaqt li s-Sur Silvio Vella issekonda lis-Sindku. Is-Sindku qara u spjega l-kontra mozzjoni fejn mal-istess kontra mozzjoni ġew preżentati wkoll korrispondenza relata li kien ilha tintbghat kemm lill-Awtoritajiet u kif ukoll lir-residenti fuq il-ħsarat imsemmija fi Triq il-Brunzar. Apparti minn hekk is-Sindku ppreżenta wkoll l-korrispondenza eletronika li kien irċieva wara li kien sar it-testing mill-Perit. **(Anness DOC 2).**

Is-Sur Silvio Vella spjega li meta sar it-testing mill-Perit hu kien preżenti u meta ħafru ġie innutat li l-fili tal-binja kienu miftuħa filwaqt li la kien hemm qatran u lanqas membrane.

Dan juri li x-xogħol li sar mill-kuntrattur li bena il-binja ma kiex sar skont is-sengħa u l-arti.

F'dan l-istadju, Dott. Carabott ippreżenta xi ritratti minn fuq mobile fejn juru li l-binja kellha xi forma ta' waterproofing.

Wara li tkompliet id-diskussjoni, ġie rrimarkat li fl-ebda stadju ma seta jiġi identifikat liem parti tal-binja kellha dik il-*waterproofing* indikata. Is-Sindku aċċenna u reġa rrefera għar-rapport ppreżentat lilu mill-Perit.

Wara diskussjoni twila fuq dawn il-ħsarat ġie deċiż li l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-bankina ġdida skont is-sengħa u l-arti li iżda għandha tinkiteb ittra ukoll uffiċċjali lill-Enemalta f'dan ir-rigward li kienu huma li kkummissjonaw ix-xogħol. Oltre, ninsistu ma TM sabiex isir ukoll relatat mal-asfaltar.

Fuq in-nuqqasijiet li hemm fil-binja il-kunsill mhux responsabbli u għaldaqstant il-Kunsll mhux f'pożizzjoni li jagħmel tajjeb ghan-nuqqasijiet li saru meta inbniet il-binja.

Is-Sindku ssekondat mis-Sur Silvio Vella ressaq il-kontra-mozzjoni għall-vot.
**Voti Favur il-Kontra-Mozzjoni:** Is-Sindku,
Is-Sur Gianluca Falzon,
Is-Sur Kursten Dimech
Is-Sur Silvio Vella

**Voti kontra il-Kontra-Mozzjoni:** Dott. Darren Carabott
Is-Sur Joe Vella

Il-Kontra Mozzjoni għaddiet b'erba' (4) voti favur u tnejn (2) kontra.

### 2.10.2 Nuqqas ta' tindif

Is-Sindku talab lill-membri sabiex din il-mozzjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Il-Membri qablu unanimament

## 2.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-10.00 pm u ġiet aġġornata għall-5 ta' Awwissu, 2019, fis-6.30pm

Konfermati, illum 5 ta' Awwissu, 2019

| | |
|---|---|
| Stephen Sultana | Michael Mifsud |
| Sindku | DeputatSegretarju Eżekuttiv |